# Il-Knisja ewlenija tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Għawdex tas-Seklu 17

© riċerka u kitba ta'

ANDREW GATT

Fil-passat inkiteb ħafna dwar l-evoluzzjoni tal-knisja tal-patrijiet franġiskani. Minn kitba li nsibu f'pajjiżna, l-istoriċi mhux dejjem jaqblu bejniethom dwar il-fatti. Madanakollu l-istorja tibqa stat ta' fatt u mhix suġġett ta' interpertazzjoni jew suppożizzjoni, speċjalment meta s-sorsi huma dokumentati.



L-ewwel faċċata tal-Vista Episkopali tal-1672

Għalkemm illum il-ġurnata, fir-Rabat t'Għawdex ma nsibu l-ebda knisja ddedikata lill-Marija Immakulata Kunċizzjoni, dan mhux minn dejjem kien hekk. Bla dubju f'Għawdex id-devozzjoni lejn l-Immakulata saħħuha bis-sħiħ il-patrijiet franġiskani konventwali minuri.

Illum il-knisja konventwali fir-Rabat hija iddedikata lil missierna San Franġisk, mgħammra b'artal maġġur taħt l-istess titlu bi kwadru kbir li juri l-mistiċità ta' dan il-qaddis. Sorsi ta' qabel is-seklu 17 huma rari ħafna f'pajjiżna. Dan minħabba l-attakk li għamlu l-Ottomani fuq gżiritna. Dak kollu li ma kienx jgħodd għalihom jew ma setax jinsteraq ġie vandalizzat jew maħruq. Wara din il-ħerba, Għawdex safa abbandunat jew post insikur biex tgħix fih għal diversi deċenji. B'hekk ħafna manuskritti ta' nofs it-tieni millenju intilfu. L-ewwel manuskritt li nsibu imur lura għal nofs is-seklu 17 fejn jidher car li l-ewwel knisja li bnew il-patrijiet kienet taħt it-titlu ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni. Din hija l-Vista Pastorali tal-1654 magħmula f'Għawdex minn Fra M. Giov. Balaguer Camarasa, isqof ta' Malta. Dan id-dokument li jinsab miġbur fil-kurja ta' Għawdex huwa manuskritt bil-latin taljanizzat. Jibda billi jgħidilna li l-isqof, wara li żar il-knisja konventwali ta' Santu Wistin, għadda għal *'Ecclesia Conventualem Sancti Francisci Ordinis Minorem'* fejn intlaqa b'ċerimonja.

Dan id-dokument jagħtina deskrizzjoni ċara ta' din l-ewwel knisja franġiskana li għalkemm żgħira fid-daqs, diġa kellha tlitt artali. Id-dokument jagħtina stampa dettaljata ta' kull artal. L-artal maġġur, elevat b'tarġa, kien tal-ġebel (lapidus) taħt it-titlu *'sub-titolo Conceptionis Beata Virginis'*. Jgħidilna li kien imżejjen bl-aċċesorji kollha neċessarji. Bħala kwadru kellu *Icona superent depicta* jiġifieri mpitter mill-isbaħ bl-



◄ Parti mill-Vista Episkopali tal-1657 fejn jissemma' l-artal maġġur dedikat lill-Kunċizzjoni

immaġini tal-Kunċizzjoni. It-tifsira latina tal-kelma *'superent'* f'dan il-kuntest tista tiġi interpretata mhux biss bħala pittura mill-isbaħ iżda wkoll għad daqs tal-kobor tagħha. Hu probabli li dan hu l-kwadru li illum jinsab fl-oratorju tal-fratellanza li juri il-Kunċizzjoni imdawwla bl-Ispirtu s-Santu merfugħa b'żewġ puttini. Il-Madonna hi mdawra bis-simboli tal-litanija marjana. Fuq il-lemin ta' dan l-artal kien hemm kwadru ta' San Franġisk filwaqt li fuq ix-xellug kien hemm kwadru ieħor ta' San Ġużepp.

Wara għadda għall-artal fuq il-lemin tal-artal maġġur. Jgħidilna li kien tal-ġebel, *'plenus u aptua'* jiġifieri kbir biżżejjed u armat bl-ornamenti għas-sagrifiċċju tal-quddies. Kellu kwadru *'Iconam'* tal-Beata Verġni u San Franġisk iżommu lill-Bambin Ġesù.

Taħt dan il-kwadru kien hemm statwa antika fl-irħam u kurċifiss. Żar ukoll it-tielet artal, dak ta' *Sancti Antonij de Padua* faċċata ta' dak ta' San Franġisk. Dan l-altar ma kellux kwadru iżda statwa mnaqqxa fl-injam, miżbugħa u indurata. L-artal kien tal-ġebel imżejjen bl-aċċessorji neċessarji wkoll.



L-ewwel faċċata tal-Vista Episkopali tal-1673

It-tieni vista eżistenti li iltqajt magħha saret fl-1657 jiġifieri ftit snin wara. Bażikament hija simili ħafna fid-dettal, iżda ta' min josserva dawn l-annessjonijiet. Jibda billi jgħidilna li l-vista saret ukoll wara dik tal-Agostinjani u li l-gwardjan kien il-Franġiskan Rev. Fr Eugenius Formosa. Barra deskrizzjoni tal-artal maġġur bil-kwadru tal-Kunċizzjoni, jgħidilna li kien mgħammar tajjeb b'kurċifiss, sitt gandlieri tal-injam indurati u sitt vażuni bi fjuri artifiċjali, probabilment tal-karta jew tal-ganutell. Fuq it-tieni artal, dak ta' San Franġisk jgħidilna li kien hemm immaġini fl-irħam, jiġifieri statwa li tissemma fil-vista preċedenti. Issa nafu li hija tal-*Beata Virginis*.

It-tielet vista pastorali f'din il-knisja tal-Kunċizzjoni saret 1663 mill-*Episcopo Melino*. Id-deskrizzjoni ta' din iż-żjara hija qasira ħafna peress li l-kittieb tal-isqof jgħidilna li l-aċċess għall-knisja kien diffiċli immens. Dan jagħtina x'nifhmu li l-knisja zgħira bi tlett artali li semmejna fil-bidu kienet inħattet u flokha kienet qiegħda tinbena knisja ġdida fuq skala ikbar.

Dan nikkonfermawh mill-Vista sussegwenti tal-1667. Hawn wieħed jinnota li l-altar maġġur ta'



din il-knisja l-ġdida reġa ġie iddedikat li Kunċizzjoni *'Altare maius supra quad est ycona in tela depicta referens imaginem Conceptionis Beatae Marie semper Virginis'*. Dan l-artal kien elevat b'tarġa waħda biss u kien armat b'Bibbja *scriptum missales romani* u *imagini Crocifixi*, filwaqt li fuq kellu lampa pendent u tieqa żgħira. L-ewwel artal laterali li jissemma hu dak ta' San Isidore Confessoris, ieħor tal-Beatu Salvatoris d'Orta, Santa Cita (Zita) bi kwadru tal-qaddisa mal-Madonna u *Sant Antonij de Padova* bi statwa. Wara żar ukoll il-kunvent li kien immexxi mill-*custor* P. Bonaventura Vella flimkien ma' ħames patrijiet oħra.

Il-vista tal-isqof tal-1673 tvarja ftit minn dik ta' qabilha, jista jkun għal fatt li knisja l-ġdida kienet għadha qed tiġi mgħamra b'artali ġodda. Fatt stramb li sibt f'dan id-dokument hu li għalkemm l-artal maġġur jibqa' iddedikat lill-Kunċizzjoni, artal laterali ieħor huwa wkoll dedikat lil istess Kunċizzjoni. Jgħidilna li hu armat bl-oġġetti neċessarji għas-sagrifiċju tal-quddiesa u skolpit bl-arkitettura. Barra l-artali li semmejt fuq, hawn jiżdied artal ieħor iddedikat lil Santa Marija tal-Anġli.

B'hekk nafu biċ-ċert li fis-seklu sbatax din il-knisja kienet esklussivament iddedikata u magħrufa mill-għawdxin bħala 'tal-Kunċizzjoni'. Kien żmien wara li l-knisja ħadet it-titlu attwali, jiġifieri dak ta' San Franġisk.